# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kumpilazzjoni Numru:980/2002

Il-Pulizija

(Spettur Godfrey Azzopardi)

Vs

Emanuel Bianchi (K.I. 287983 M)

Floyd Attard (K.I. 400284 M

Sean Grima (K.I. 497884 1M)

Illum 15 ta` Novembru, 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Emanuel Bianchi** ta’ 19 il-sena, iben Alfred u Anna nee’ Hayman, imwieled Pieta’ fil-31.05.1983 u joqgħod Nru. 172, Triq il-Vittorja, Isla, numru tal-karta tal-identita’ 287983 M; **Floyd Attard,** ta’ 18-il sena, iben Ċarmelo u Anna nee’ Zammit, imwieled il-Pieta’ fil-10.08.1984 u joqgħod Nru. 113, Triq il-Ponta, Isla, numru tal-karta tal-identita’ 400284 M; **Sean Grima** ta’ 18-il sena, iben missier mhux magħruf u Veronica Grima, imwieled Pieta’ fl-

10.10.1984 u joqgħod Nru 27, Triq l-Oratorju, Isla, numru tal-karta tal-identita' 497884 M akkużati talli;

Fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Settembru 2002 u l-1 ta' Ottubru 2002, fil-Hamrun, ikkomettejtu serq ta' diversi oġġetti, fosthom appartat tal-Hi-Fi, mill-iskola Marija Regina fi Triq Mountbatten, Hamrun, ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur li jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm 1000).

Akkużati aktar talli fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Settembru 2002 u l-1 ta' Ottubru 2002 u fil-jiem ta' wara f' dawn il-gżejjer, ilqajtu għandkhom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk sar f' Malta jew barra minn Malta, jew b' kull mod li jkun indhalltu biex tbiegħuhom jew tmexxuhom;

Akkużati ukoll talli bil-lejl ta' bejn it-30 ta' Settembru 2002 u l-1 ta' Ottubru 2002 fil-Hamrun volontarjament ħassartu jew għamiltu ħsara jew għarraqtu ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, liema ħsara li tammonta għal aktar minn ħames mitt lira maltin (Lm 500), saret ghad-detriminent tal-Gvern ta' Malta.

**Emanuel Bianchi wahdtu akkużat** ukoll bi ksur tal-probation a tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien misjub ħati ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistratidatata 7.12.1999 u illiberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu imsemmi u talli sar reċediv b' sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati datati 17.01.2002 u 19.02.2002 liema sentenzi saru definittivi.

**Sean Grima wahdu akkużat** ukoll bi ksur tal-probation a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati b' sentenza tal-Qorti tal-Maġistratidatata 18.07.2000 u illiberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu imsemmi.

Rat li fis-seduta miżmuma fit-13 ta' Ottubru 2003 inqrat l-akkuża bil-ġurament u wara li sar l-eżami tal-imputati it-tlett imputati ddikjaraw li ma humiex ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom.[1]

---

[1] Fol 12 sa fol. 14

Rat li fis-seduta miżmuma fit-13 ta' Ottubru 2003 Sue Fenech għan-nom tar-Registratur tal-Qorti ippreżentat il-process verbal redatt mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna u li ġie trasmess lil dina l-Qorti mill-Avukat Generali fit-8 ta' Jannar 2003.

Rat ix-xhieda ta' Sue Fenech, għan-nom ta' registratur tal-Qorti tat-13 ta; Ottubru, 2003[2] fejn ipprezentat il-process verbal redatt mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna u li ġie trasmess lil dina l-Qorti mill-Avukat Generali fit-8 ta' Jannar 2003. (fol. 16 et seq); ix-xhieda tal-Ispettur Geoffrey Azzopardi tat-13 ta' Ottubru 2003[3] fejn ġew eżebiti l-fedina penali tal-imputati u stqarrijiet minnhom rilaxxati mmarkati bħala Dok GA 1 sa GA 6[4] tal-6 ta' Gunju 2006 fejn eżebixxa erba' sentenzi mogħtija mill-Qorti diversament preseduta; Spettur Ċarlo Ellul li xehed fis-seduta tal-13 ta' Ottubru 2003[5]; ta' PS 1147 Antoine Fenech u PS 46 C Casha fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2003[6] li ezebew Dok AF[7]; Perit Arkitett Leonard Zammit li xehed fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2004[8] u ezebixxa Dok LZ[9]; ta' Ċarmen Bonello fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2004[10]; ta' PS 162 Joseph Howard fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2006[11]; ta' l-Ispettur Anthony Portelli fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2006[12]; ta' Horace Anastasi li xehed fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2007[13]; ta' Mary Anne Zammit, uffiċjal tal-probation li ezebiet rapport fil-konfront ta' Floyd Attard prezenti in awla fis-seduta tal-13 ta' Gunju, 2011.[14]

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2005 fir-rigward tar-rekwizit (a) tar-rinvju tal-Avukat Generali tal-28.02.02 (fol. 104) jiddikjara li m' għandux xi jżid u deffinittivament m' għandux aktar provi.

---

[2] Fol. 15
[3] Fol. 83-85
[4] Dok GA 1, fedina penali ta' Emanuel Bianchi; Dok GA 2 Fedina penali ta' Sean Grima; Dok GA 3 Fedina penali ta' Floyd Attard, Dok. GA 4 Stqarrija ta' Floyd Attard,
[5] Fol. 48-50
[6] Fol. 52
[7] Fol. 55-67, Dok AF "Relazzjoni tas-Scene of Crime Officers"
[8] Fol. 80-82
[9] Fol. 83, Valutazzjoni tal-perit Leonard Zammit tal-ħsarat Lm 780
[10] Fol. 84-86
[11] Fol. 117
[12] Fol. 118
[13] Fol. 138
[14] Fol. 222

Rat in-Nota ta’ Rinviju għall-Ġudizzju ta’ l-Avukat Ġenerali datata tnejn u għoxrin ta’ Marzu tas-sena 2005 (22.05.2005)[15], permezz ta’ liema bagħat lill-imputati sabiex jiġu ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub:

**Fil-konfront ta’ Emanuel Bianchi**

(a) Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikolu 334, 325 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikoli 21 tal-Kap. 446 gja 10 tal-Kap. 152 u 49, 50 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-artikolu 553 tal-Kodici Kriminali.

**Fil-konfront ta’ Floyd Attard**

(a) Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikolu 334, 325 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikolu 553 tal-Kodici Kriminali.

**Fil-konfront ta’ Sean Grima**

(a) Fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikolu 334, 325 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikoli 21 tal-Kap. 446 gja 10 tal-Kap. 152 u 49, 50 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-artikolu 553 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-Avukat Generali iddecieda li skont kif hemm maħsub fl-Artikolu 370 (3)(a) tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta’ Malta jibgħat lill-imputati sabiex jiġu ġudikati mill-Qorti hawn fuq imsemmija.

Rat li matul is-seduta datata 14 ta’ Marzu 2005[16], din il-Qorti kif diversament preseduta, staqsiet lill-imputati jekk kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti iddikjaraw li m’ għandhomx oggezzjoni u dan wara li tat lill imputati żmien biżżejjed biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta’ din it-tweġiba u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f’Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali;

[15] Fol. 108
[16] Fol. 116

Rat li fis-seduta tal-23 ta’ Gunju 2008, l-avukat difensur tal-imputat Sean Grima b’ referenza ghas-sentenza a folio 122 fil-konfront ta’ Sean Grima jeżenta lil prosekuzzjoni li ġġib ix-xhieda tal-identita’ tas-sentenza billi huwa ammess li din saret fil-konfront ta’ Sean Grima.

Rat li fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 2009 il-prosekuzzjoni iddikjarat li ma għandiex aktar provi;

Rat li fis-seduta tal-11 ta’ Novembru 2010[17] inqraw l-artikoli u l-imputati taw il-kunsens tagħhom sabiex il-kawża tinstema sommarjament. L-imputati wara li ġew mistoqsija jekk jagħtux il-kunsens li jaghmlu servizz fil-komunita’ jqiegbu fl-affermattiv. Il-Qorti innominat ufficjal tal-probation sabiex ihejju rapport tagħhom jekk ikunx idoneo jew le.

Wara li rat li fis-seduti tal-24 ta’ Ottubru, 2011, 21 ta’ Frar, 2012, 3 ta’ April, 2012, 16 ta’ Ottubru, 2012, 31 ta’ Ottubru, 2012, 13 ta’ Frar, 2013 (seduta differita’ b’ ordni tal-Qorti), 8 ta’ Mejju, 2013, 29 ta’ Ottubru, 2013, 18 ta’ Frar, 2014, 18 ta’ Marzu, 2014 (differita minħabba theddida ta’ bomba), 2 ta’ Mejju, 2014, 4 ta’ Lulju, 2014, 18 ta’ Novembru, 2014 (seduta differita inhabba indispozizzjoni tal-Qorti), 24 ta’ Marzu, 2015, 16 ta’ Ottubru 2015 (seduta differita’ b’ ordni tal-Qorti), 27 ta’ Jannar, 2016 (seduta differita’ minħabba indispozizzjoni tal-Qorti), 4 ta’ Mejju, 2016, 26 ta’ Ottubru, 2016, 1 ta’ Marzu, 2017, 27 ta’ Marzu, 2018, ma sar ebda’ progress fil-kawża;

Wara li rat li fis-seduta tal-19 ta’ Gunju, 2018 dehru l-imputati mhux assisti quddiem il-Qorti kif preseduta u talbu li jkunu assisti minn avukati tal-għajnuna legali; wara li rat li fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 2018 l-imputati iddikjaraw li ma għamlux kuntatt mal-avukati difensuri tagħhom;

Wara li rat fis-seduta tal-5 ta’ Marzu, 2019, 4 ta’ Gunju, 2019 (differita b’ ordni tal-Qorti), 12 ta’ Novembru, 2019, 14 ta’ April, 2020 (differita’ minħabba l-imxija tal-Covid), 14 ta’ April, 2020 (differita’ fuq linji gwida tas-Supretindent tas-Sahha Pubblika), 29 ta’ Settembru, 2020, 11 ta’ Mejju 2021, 3 ta’ Novembru, 2021 ma sar ebda’ progress fil-kawża;

---

[17] Fol. 218

Wara li rat li fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2022 il-Qorti għalqet il-provi tal-prosekuzzjoni u differit il-kawża għall-aħħar darba għal provi tad-difiza għall-5 ta' Lulju 2022 u sussegwentement ghat-8 ta' Novembru,2022;

Wara li rat li l-Qorti għalqet il-provi tad-difiza fis-seduta tal- 08 ta' Novembru, 2022 u differit il-kawża ghas-sentenza.

Rat ir-rapport pprezentat minn ufficjal tal-probation Mary Anne Zammit fil-konfront ta' Floyd Attard fejn irrakkomandat li f' dak il-mument partikolari Ordni ta' Servizz fil-kommunita' ma huwiex applikabbli minħabba ragunijiet imsemmijin fl-istess rapport (fol. 223 et seq)

Wara li rat ix-xhieda, dokumenti u l-atti kollha tal-każ;

Ikkunsidrat

**Spettur Goeffrey Azzopardi** xehed fis-seduta tal-13 ta' Ottubru, 2003[18]. Jixhed li fil-1 ta' Ottubru, 2002 għal ħabta ta' 6:40 am daħal rapport l-Għassa tal-Hamrun minn ċertu Dominic Attard li huwa in charge tal-purtinari tal-iskola Maria Regina, Blata l-Bajda illi matul il-lejl li għadda persuna jew persuni mhux magħrufa dahlu fil-Blokk E tal-iskola, sgassaw xi bibien u nsterqu xi affarijiet. Il-pulizija marru fuq il-post biex jinvestigaw il-każ u sabu tkissier ta' bibien ta' klassijiet li ġew imbuttati l-ġewwa, tħażżiż fuq il-ħajt permezz ta' spray li kien jikkonsisti fi kliem oxxen u ħmieg uman fil-kurituri. Irrizulta li nsterqu numru ta' televisions, video recorders u appartat iehor. Ic-chaplain tal-iskola Fr Anslin Vella qalilhom li kienu ħadulu mill-uffiċju tiegħu li ġie sgassat ostensorju gold plate u teka. Kien hemm ukoll ostji mhux kkonsagrati mxerdin fl-uffiċju tiegħu.

Ġie infurmat il-Magistrat tal-Għassa, il-Magistrat Joseph Apap Bologna li ordna li ssir inkestja.

Aktar tard fl-istess gurnata ġie infurmat mill-Ispettur Alfred Mallia, stazzjonat l-għassa ta' Bormla li certu Ċarmelo Attard kien mar l-għassa tal-pulziija għal ħabta ta' 4:00 am u infurmahom li ibnu Floyd Attard dak il-lejl kien daħħal television 28 inch tal-marka Hamitex.

Susseġewentement l-ispettur bgħat għal Floyd Attard, irriżulta li kien flimkien ma Sean Grima u Manuel Bianchi dak il-lejl u ġew arrestati. Fil-kors tal-invesitgazzjoni l-pulizija irkuprat xi affarijiet

---

[18] Fol. 83-85

li kienu nsterqu.  Parti minnhom kienu sabuhom il-pulziija meta saru s-searches u partijiet oħrajn tawhomlom l-istess tlett imputati wara li ammettew l-involviment tagħhom.

Ix-xhudipprezenta l-istqarrija tat-tlett imputati, ta' Floyd Attard li ttieħdet fit-3 ta' Ottubru 2002[19], u ta' u Sean Grima li ttieħdet fit-2 ta' Ottubru 2002[20] u ta' Emanuel Bianchi li ttieħed fit-2 ta' Ottubru, 2002[21]. Ġew eżebiti ukoll l-fedina penali ta' Emanuel Bianchi[22], Sean Grima[23] u ta' Floyd Attard[24]

Fix-xhieda tiegħu tal-6 ta' Gunju 2006 ix-xhud ezebixxa dawn is-sentenzi

- Il-Pulizija vs Frankie Pace, Anthony Roberts u Sean Grima mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati(Malta) fit-18 ta' Lulju 2000[25] (fol. 122-123)
- Il-Pulizija vs Emanuel Bianchi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati(Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-7 ta' Dicembru 1999[26] (fol. 124)
- Il-Pulizija vs Emanuel Bianchi, Qorti tal-Maġistratidatata 19 ta' Frar, 2002 (fol. 126)[27]
- Il-Pulizija vs Emanuel Bianchi, Qorti tal-Maġistratidatata 17 ta' Jannar, 2002 (fol. 127 – 128)[28]

Fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2007 ix-xhud ezebixxa sentenza

- Il-Pulziija vs Emanuel Bianchi, Qorti tal-Maġistrati, datata 19 ta' Frar, 2002 (fol. 136)[29]

**Spettur Ċarlo Ellul** xehed fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2003[30] li fil-għodu tal-1 ta' Ottubru, 2002 kien dahal rapport ta' sgass u vandalizzmu fl-iskola Maria Regina, Blata l-Bajda. Dak in-nhar wara nofsinnhar ġew infurmati mill-għassa ta' Bormla li nstab television li x' aktarx ġie misruq mill-iskola. Ix-xhud personalment mar l-għassa ta' Bormla u hemm hekk kellem lil Emanuel Bianchi li kopera mal-pulzija. Jaghraf it-tlett imputati fl-awla. Emanuel Bianchi qalilhom fejn kienu jinstabu

---

[19] Fol. 41-42, Dok GA 4
[20] Fol. 45-47, Dok GA 6
[21] Fol. 43-44, Dok GA 5
[22] Fol. 86-87
[23] Fol. 88-89
[24] Fol. 40
[25] L-imputati ġew illiberati taht il-provvediment tal-art 9 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta b' dan li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena m' illum u qed tohrog ordni ta' probation a termini tal-Kap 152
[26] ma tikkundannahx għal piena karcerarja izda tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum.
[27] Hlas ta' ammenda
[28] Kundanna ta' multa u sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan għal zmien sena
[29] Hlas ta' ammenda
[30] Fol. 48-50

l-affarijiet. Jixhed "fil-fatt beda jgħidilna fejn huma u għand min qeghedin, li kienu qed jipprovaw diga' jbieghuhom dawn l-oġġetti imma in the mean time gabulna kollox lura."

"Mistoqsi ngħid x' kienu l-oġġetti li kienu suggetti ta' dan is-serq nirrispondi li kien hemm television tal-marka Grundig 28 inch, kien hemm video recorder tal-marka Grundig, kien hemm ukoll sistema Dolby, kien hemm ossatorju, kien hemm video recorders irrid ngħid li apparti t-tnejn li semmejt kien hemm qisu xi erbgha u dawn ittiehdu minn klassijiet differenti u kien hemm ukoll xi flus f' ammonti zghar li kienu jappartjenu lil istudenti fis-sens li kienu migbura minnhom.

Kien hemm ukoll tlett tape recorders li kienu nstabu nieqsa mill-gymnasium. Jixhed li l-affarijiet ġew kollha rekuperati u wiehed mill-video recorders precizament dak tal-marka Panasonic, il-pulizija kien irnexxiela ssibu taht sigra u fejnu kien hemm sikkina. Kien instab fil-parametru tal-iskola cioe' ġewwa dan il-parametru. Biex accedew għal skola, l-imputati skalaw il-hajt estern u dahlu minn xi tieqa. Kien hemm diversi sgassi internament."

**PC 1147 Antoine Fenech u PS 46 Charlo Casha**[31] xehedu fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2003 li kienu ġew nominati mill-Magistrat Inkwienti bħala scene of crime officers. Ix-xhieda ipprezentaw r-relazzjoni tagħhom.

**Perit Arkitett Leonard Zammit**[32] **, impjegat bħala perit fil-Fondazzjoni tal-Iskejjel ta' Ghada,** xehed fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2004. Aċċeda fuq il-post fuq talba tal-chief executive tal-fondazzjoni. Meta mar fuq il-post raha zebgha minn dik li tixhed fi tlett kurituri u xi locks bibien mkissra. Ma huwiex f' pozizzjoni jikkonferma jekk it-tiswijiet sarux jew le għaliex dan ix-xoghol ma jaqax taht il-mansjonijiet tiegħu. Ghamel stima tal-ħsarat li tammonta għal Lm 780 (Eur 1630.56). Jezebixxi l-istima tiegħu li tinstav a fol. 78 tal-process verbal u kopja taghha ezebita a fol.83.

**Ċarmen Bonello**[33] **, direttrici tal-iskola Maria Regina fis-sena 2002 sa Awwissu 2003,** xehedet fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2004. Ġiet infurmata permezz ta' telefonata dwar il-każ. Meta marret fuq il-post kien hemm tiga' l-pulizija. Tikkonferma li l-lista a fol. 76 tal-process verbal għamlitha hi. Tikkonferma x-xhieda taghhha li hija tat fl-atti tal-inkjesta maġisterjali.  In kontro-eżami

[31] Fol. 53 et seq
[32] Fol. 80-82
[33] Fol. 84-86

tirrispondi li l-lista tal-oġġetti ġew indikati lilha minn diversi għalliema li kellhom dawn l-oġġetti fil-konfront tagħhom. Ma tistax tikkonferma li dawn l-oġġetti naqsu propju fil-lejl ta' qabel. Lil imputati ma tafhomx. Li tista' tikkonferma hu li kwazi l-oġġetti kollha ġew ritonrnati.

**PS 162 Joseph Howard** li xehed fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2006[34] ikkonferma li kien xhud ta' l-istqarrija rilaxxata mill-imputat Flloyd Attard (fol. 41) li qed jagħraf fl-awla. Jikkonferma l-firma tiegħu u tal-Ispettur Goeffrey Azzopardi. Jgħid li l-imputat inghata d-debita twissija qabel ma rilaxxa l-istqarrija.

**Spettur Anthony Portelli** li xehed fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2006[35] ikkonferma li kien xhud ta' l-istqarrija rilaxxata mill-imputati Emanuel Bianchi u Sean Grima li qed jaghrafhom fl-awla. Jikkonferma l-firma tiegħu u tal-Ispettur Goeffrey Azzopardi. Jgħid li l-imputati ingħata d-debita twissija qabel ma rilaxxa l-istqarrija. Fil-każ ta' Sean Grima dan ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija. L-isqarrijiet jinstabu a fol. 43 et seq tal-process.

**Spettur Horace Anastasi** xehed fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2007[36] jikkonferma r-rapport tiegħu ezebit a fol. 25 tal-Inkejsta u jikkonfermah fl-interezza tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-akkuzi jirrigwardaw allegat reat li sehh fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Settembru, 2002 u l-1 ta' Ottubru 2002 meta t-tlett imputati kienu ghadhom adolexxenti. L-akkuzi jikkoncernaw serq u atti ta' vandalizmu fi skola.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti qabel ma tgħaddi biex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet taghha fuq l-mertu ser tghaddi biex tiddeciedi jekk l-istqarrijiet tal-imputati humiex provi ammissibbli jew le. Din il-kawża inbdiet fis-sena elfejn u tnejn (2002). Kif ġie ben spjegat fis-sentenza fl-ismijiet

---

[34] Fol. 117
[35] Fol. 118
[36] Fol. 134

Emmanuele Spagnol v. L-Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija deciza fil-31 ta' Mejju, 2023 (Rikors numru 16/2018/1 AF

> *" Il-liġi li kienet applikabbli dak iż-żmien li sar l-arrest u ġew meħuda l-istqarriji tar-rikorrent kienet ġiet introdotta bl-Att III tal-2002 fejn permezz tagħha ġie introdott is-segwenti artikolu (ta' relevanza għallkaż odjern huwa l-ewwel subartikolu): "355AT. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu." Għalkemm bl-Att III tal-2002 ġie introdott id-dritt għall-assistenza legali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri kriminali, kien biss fis-sena 2010 li ġiet fis-seħħ (ara Avviż Legali 35 tal-2010). Qabel dakinhar, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza ta' avukat fl-istadju ta' qabel il-proċeduri kriminali u ċioè waqt li ssir interrogazzjoni millPulizija. L-Att LI tal-2016 imbagħad bidel l-artikolu 355AT u l-artikolu 355AU meta introduca fil-Kodiċi Kriminali d-dritt tal-assistenza legali kif maħsub fid-direttiva 2013/48/EU. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 401/2016. Għalhekk, illum il-ġurnata lartikolu 355AT tal-Kap. 9 jistipula, inter alia, li l-persuna suspettata jew arrestata għandu jkollha 'dritt ta' aċċess għal avukat' u allura dan ifisser li llum, il-persuna suspettata jew arrestata għandha d-dritt għal avukat f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija."*

F' is-sentenza fuq ċitata l-Qorti Kostituzjonali għamlet ukoll riassunt tal-każistika dwar id-dritt tal-avukat fi stadju ta' investigazzjoni u l-każistika dwar dan id-dritt.

Fuq dan il-punt il-Qorti Kostituzzjonali tal-ewwel istanza kienet  qalet

> *"Dan il-prinċipju huwa dak segwit fl-aktar ġurisprudenza riċenti kemm tal-Qrati Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropea. Kif proprju intqal fil-każ ta' Charles Kenneth Stephens v Malta, tal-14 ta' Jannar, 2020:*
>
> *'72. Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are*

*compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them."*

Fil-kunsiderazzjonijiet taghha il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza hawn fuq ċitata riteniet

> *"19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru, 2018 u s-sentenza Ċarmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju, 2019.*
>
> *20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.*
>
> *21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza. Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ Ċarmel Camilleri v. Malta deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi:*
>
> *«The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the*

*same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78) »*

Din il-Qorti b' referenza għall-każ in eżami qed tikkunsidra li huwa manifestament ċar li meta ttiehdu l-istqarrijiet ma kienx hemm id-dritt legali tal-assistenza legali f' kull stadju tal-proceduri. It-tlett imputati kienu kollha adolexxenti u allura fl-opinjoni ta' din il-Qorti persuni vulnerabbli minħabba l-eta' tagħhom.

Fil-każ in eżami l-imputati ma xehedux u għalhekk il-Qorti f' dan il-każ ma kelliex il-possibilta' li tevalwa x-xhieda mogħtija minnhom in *open court*. Din il-Qorti tqis ukoll l-fatt li minkejja dak li hemm miktub fl-istqarrijiet tagħhom li ġiet mehuda minghajr l-assistenza ta' avukat ta' fiducja tagħhom huma ma ammettewx l-akkuzi f' dawn il-proceduri.  Fil-fehma ta' din il-Qorti meta hija rat il-proceduri fit-totalita' tagħhom ("the proceedings as a whole") il-proceduti jfallu fit-test ta' kemm kienu gusti ("fair").  Il-Qorti sejra għalhekk tiddikjara l-istqarrijiet tal-imputati bħala prova mhux ammissibbli.

**Ikkunsidrat**

Illi fl l-ewwel imputazzjonijiet fil-konfront tat-tlett imputati **Emanuel Bianchi  Floyd Attard, Sean Grima**,  it-tlett imputati ġew akkużati li fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Settembru, 2002 u l-1 ta' Ottubru, 2002, fil-Hamrun, ikkomettew serq ta' diversi oġġetti, fosthom appartat tal-Hi-Fi, mill-iskola Marija Regina fi Triq Mountbatten, Hamrun, ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, ħin u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000).

Qed jigi ikkunsidrat li l-każ tal-pulizija jistrieh principalment  fuq l-ammissjoni fl-istadju tal-interogazzjoni mit-tlett imputati u l-istqarrijiet tagħhom u l-Qorti  qed tilliberhom mill-istess imputazzjoni

It-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' tlett imputati **Emanuel Bianchi  Floyd Attard, Sean Grima** t-tlett imputati ġew akkużati aktar talli fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Settembru, 2002 u l-1 ta' Ottubru, 2002 u fil-jiem ta' wara f' dawn il-gżejjer, laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeg misruqa,

mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, sew jekk sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew b’ kull mod li jkun indhalltu biex tbieghuhom jew tmexxuhom.

Illi il-Qorti ittenni dak diga dikjarat minnha rigwardanti l-istqarriji tal-imputati u tillibera l-imputati minn din l-imputazzjoni.

F’ dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni fil-konfront ta’ tlett imputati **Emanuel Bianchi Floyd Attard, Sean Grima** li ġew akkużati ukoll talli bil-lejl ta’ bejn it-30 ta’ Settembru, 2002 u l-1 ta’ Ottubru, 2002 fil-Hamrun volontarjament hassartu jew ghamiltu ħsara jew gharraqtu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ħsara li tammonta għal aktar minn hames mitt lira Maltin (Lm 500), saret ghad-detriminent tal-Gvern ta’ Malta.

Illi peress li l-unika prova li tista’ b’ xi mod torbot l-imputati ma din l-imputazzjoni hija l-istqarrijiet li fil-fehma ta’ din il-Qorti ma humiex provi ammissibbli skont il-liġi l-imputati qed jiġu liberati minn din l-imputazzjoni.

Fir-rigward tar-raba’ imputazzjoni fil-konfront ta’ **Emanuel Bianchi wahdu** ukoll bi ksur tal-probation a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn kien misjub ħati ta’ sentenza tal-Qorti tal-Maġistratidatata 7.12.1999 u illiberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu imsemmi u talli sar recediv b’ sentenzi tal-Qorti tal-Maġistratidatati 17.01.2002 u 19.02.2002 liema sentenzi saru definittivi. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jikkonsistu minn-sentenzi prodotti mill- Spettur Goeffrey Azzopardi fis-seduta tas-6 ta’ Gunju 2006 ipprezenta sentenzi fil-konfront ta’ l-imputat Emanuel Bianchi.

Illi jirrizulta mill-provi li dawn is-sentenzi inghataw fil-konfront tiegħu izda din l-imputazzjoni mhux ippruvata.

Fir-rigward tall-hames imputazzjoni **fil-konfront ta’ Sean Grima wahdu** u fejn ġie **akkużat** ukoll bi ksur tal-probation a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta’ Malta fejn kien ġie misjub ħati b’ sentenza tal-Qorti tal-Maġistratidatata 18.07.2000 u illiberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-Artikolu imsemmi. Il-Qorti rat li fis-seduta tal-23 ta’ Gunju, 2008, l-avukat difensur tal-imputat Sean Grima b’ referenza ghas-sentenza a folio 122 fil-konfront ta’ Sean Grima jezenta lil prosekuzzjoni li ggib ix-xhieda tal-identita’ tas-sentenza billi huwa ammess li din saret fil-konfront ta’ Sean Grima. Illi l-hames imputazzjoni fil-konfront ta’ Sean Grima mhux pprovata.

**Decide**

Għaldaqstant il- Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 334, 325, 49, 50 , 553 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 gja 10 tal-Kap. 152 u; l -artikoli 21 tal-Kap. 446 gja 10 tal-Kap. 152 tal-Ligijietta' Malta, tillibera lil imputati **Emanuel Bianchi Floyd Attard, Sean Grima** l minn kull htija jew piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**